

# Il-Ġurnal Uffiċjali C 145 I tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 65

1 ta' April 2022

Werrej

V Avviżi

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2022/C 145 I/01

Avviż lill-operaturi ekonomiċi, lill-importaturi u lill-esportaturi ..... 1

MT



## V

(Avviżi)

## PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Avviż lill-operaturi ekonomiċi, lill-importaturi u lill-esportaturi

(2022/C 145 I/01)

L-Unjoni Ewropea adottat diversi pakketti <sup>(1)</sup> kontra l-Federazzjoni Russa dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna, u kontra r-Repubblika tal-Belarusjsja dwar il-miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarusjsja. Dawk il-miżuri kollha jridu jiġu implimentati effettivament, kemm mill-awtoritajiet kompetenti kif ukoll mill-operaturi ekonomiċi tal-UE.

Dawn il-miżuri jipprojbixxu l-importazzjoni jew l-esportazzjoni diretta jew indiretta tal-merkanzija kkonċernata, u jipprojbixxu l-parteċipazzjoni, konxja u intenzjonali, f'attivitajiet għaċ-ċirkomvenzjoni ta' dawn il-projbizzjonijiet. Huma jistabbilixxu wkoll li l-Istati Membri għandhom japplikaw sanzjonijiet għall-ksur ta' dawn ir-regolamenti.

Fid-dawl tar-riskju ta' ċirkomvenzjoni, l-operaturi ekonomiċi fl-UE qed jingħataw il-parir li jieħdu l-miżuri adegwati ta' diliġenza dovuta disponibbli sabiex jipprevjenu ċ-ċirkomvenzjoni tal-miżuri

- permezz ta' esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi minn fejn tali merkanzija tista' tiġi ddevjata faċilment lejn ir-Russja u l-Belarusjsja; għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-esportazzjonijiet ta' tali merkanzija lill-pajjiżi tal-Unjoni Ekonomika Ewrasjatika (EAEU, magħmula flimkien mal-Federazzjoni tar-Russja u r-Repubblika tal-Belarusjsja, mir-Repubbliki tal-Armenja u l-Każakistan u r-Repubblika Kirgiża), billi l-merkanzija fi kwalunkwe membru tal-EAEU tkun f'ċirkolazzjoni libera madwar l-EAEU
- permezz ta' importazzjonijiet minn pajjiżi terzi fejn il-merkanzija kkonċernata tista' tiġi ddevjata faċilment lejn l-UE, b'mod partikolari meta tali pajjiżi ma japplikaw ir-restrizzjonijiet fuq l-importazzjonijiet mir-Russja u mill-Belarusjsja; dan huwa partikolarment il-każ tal-merkanzija importata minn pajjiżi oħra tal-EAEU.

Miżuri ta' diliġenza dovuta li l-esportaturi u l-importaturi qed jingħataw il-parir li jieħdu huma, pereżempju l-introduzzjoni fil-kuntratti ta' importazzjoni u ta' esportazzjoni ta' dispożizzjonijiet maħsuba biex jiżguraw li kwalunkwe merkanzija importata jew esportata ma tkunx koperta mir-restrizzjonijiet. Pereżempju, dawn jistgħu jieħdu l-forma ta' dikjarazzjoni li r-rispett ta' tali dispożizzjoni huwa element essenzjali tal-kuntratt, jew klawżoli kuntrattwali li jobbligaw lill-importatur f'pajjiżi terzi biex ma jespertax il-merkanzija kkonċernata lejn ir-Russja jew il-Belarusjsja, u biex ma jbiehx mill-ġdid il-merkanzija kkonċernata lil kwalunkwe sieħeb kummerċjali ta' parti terza li ma jhux impenn li ma jespertax il-prodotti kkonċernati lejn ir-Russja jew il-Belarusjsja u b'hekk iwassal għal responsabbiltà f'każ li dan tal-aħħar jesperta mill-ġdid l-oġġetti lejn dawk il-pajjiżi.

L-operaturi għandhom iqisu li, sabiex jipprevjenu ċ-ċirkomvenzjoni ta' dawn ir-regolamenti, l-awtoritajiet doganali tal-UE jistgħu jwettqu kontrolli aktar stretti u jistgħu wkoll jitolbu evidenza konklużiva li l-merkanzija kkonċernata mhijiex importata mir-Russja u mill-Belarusjsja jew esportata lejhom permezz ta' pajjiżi terzi.

---

(1) <https://www.sanctionsmap.eu/#/main>



ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)  
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)